MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 542/2007

Ballut Blocks Services Limited
vs
Engelbert Dimech u martu Sylvia Dimech

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' John Vella, direttur tas-socjeta` Ballut Blocks Services Limited li bih espona:

**<u>Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-kawza</u>**

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici ta' l-intimati fl-ammont ta' ghaxart elef hames mija u sitt Liri Maltija u sittax-il centezmu (Lm10,506.16) rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-intimati, hekk kif jirrizulta mill-istatement anness mar-rikors u mmarkat Dok 'BBS 1'.

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta’ l-istess socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta` rikorrenti, l-intimati m’ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Frar 2007, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

4. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lir-rikorrenti personalment.

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

1. Illi kif diga` premess, ghalkemm l-intimati gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont, anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Frar 2007, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

2. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**<u>Talbiet</u>**

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ ghaxart elef hames mija u sitt Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm10,506.16) rapprezentanti prezz ta’ materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-intimati kif premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Frar 2007, dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezentat mar-rikors, oltre l-imghaxijiet legali sal jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' John Vella li ghandu r-rapprezentanza guridika tal-kumpanija Ballut Blocks Services Limited u li hu wiehed mid-diretturi taghha u li fih issemma li Ballut Blocks Services Ltd hija kreditrici ta' l-intimati fl-ammont ta' Lm10,506.16 rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lilhom. Sostna li l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut. Qal li l-intimati Dimech gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont izda baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Rat il-verbal tas-17 ta' Lulju 2007 a fol 13 li minnu jirrizulta li sa dik id-data li l-intimati kienu hallsu Lm4400 akkont ta' l-ammont dovut.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2007 u fis-seduta tal-lum l-intimati ma dehrux biex jikkontestaw it-talbiet rikorrenti.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati, il-Qorti filwaqt li tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, tikkundanna lill-intimati ***in solidum*** ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' sitt elef mija u sitt liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm6106.16) hekk kif ridott skond il-verbal a fol 13, li jigi ekwivalenti ghal erbatax-il elf mitejn u tlieta u

ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€14223.53) rapprezentanti prezz ta’ materjal tal-bini, mibjugh u konsenjat lill-intimati kif premess.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------